**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2017

Rikors Guramentat numru : 184/15 AL

A B

vs

C D ghaliha inifisha u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri E D u ta' F D ;
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldu zewgt itfal u cioe' E D li twieled fil-25 ta' Lulju 2011 u F D li twieldet fil-5 ta' Novembru 2013 u dan skont l-annessi certifikati tat-twelid immarkati Dok EM1 u EM2 rispettivament;

Illi l-intimata, meta welldet liz-zewg uliedha, kienet iddecidiet li tiddikjarawhom bhala li missierhom mhux maghruf;

Ili l-minuri F u E D huma l-ulied naturali tar-rikorrent kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors guramentat;

Illi hemm bzonn li ghall-interess tal-minuri tkun regolata is-sitwazzjoni;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri E D li twieled fil-25 ta' Lulju 2011 u F D li twieldet fil-5 ta' Novembru 2013 huma l-ulied naturali tar-rikorrent, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din il-Qorti, b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;
2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri E D li twieldet fil-25 ta' Lulju 2011 u F D li twieldet fi-5 ta' Novembru 2013 hawn annessi u markati Dok EM 1 u Dok EM 2 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-kliem 'unknown father' u l-istess jigu sostitwiti b'konnotati ta' l-attur A B jew dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li *in forza* taghha eccepiet (fol. 15) :

1. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet ta' l-attur kemm-il darba jirizulta li huwa missier it-tfal minuri imsemmija;
2. Illi ghandu jigi rilevat illi filwaqt li qed jaghmel dan ir-rikors biex jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, l-attur mhux qed jerfa' r-responsabbilita tieghu ghax waqaf milli jaghti manteniment tant li kontestwalment ma din ir-risposta mahlufa l-esponent qed tipprezenta rikors f'dan ir-rigward;

Salvi risposti ohra;

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa (fol. 27) :

1. Illi preliminarjament, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha C D ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E u F aħwa D skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għall-premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lir-rikorrent A B sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldu il-minorenni E u F aħwa D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minorenni, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu l-imsemmija minorenni. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti minorenni E u F aħwa D, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tmien mija, tlieta u għoxrin (2823) tas-sena elfejn u ħdax (2011) u bin-numru

progressiv ħamest elef, tlett mija, u tletin (5330) tas-sena elfejn u tlettax (2013);

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minorenni E u F aħwa D a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi fil-mori tal-kawża l-Qorti ddekretat manteniment għall-minuri E u F D ta' €450 fix-xahar pagabbli mill-attur lill-konvenuta C D[1];

Rat illi permezz ta' verbal fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2016[2], il-partjiet qablu li C D għandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'dan illi deċiżjonijiet straordinarji illi jirrigwardaw is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet flimkien u fin-nuqqas ta' qbil mill-Qorti. Il-Qorti qablet ma' din il-proposta u tat id-digriet tagħha f'dan is-sens.

Rat ukoll il-verbal tal-25 ta' Jannar 2017, illi permezz tiegħu iż-żewġ partijiet qablu li A B huwa l-missier naturali tal-minuri u li ż-żewġ minuri għandhom jassumu il-kunjom "B D".

Rat l-atti tal-proċediment;

---

[1] Fol. 24

[2] Fol. 25

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob illi jiġi dikjarat bħala l-missier naturali ta' żewġ minuri mwielda mill-konvenuta C D fil-25 ta' Lulju 2011 u fil-5 ta' Novembru 2013 rispettivament. Iż-żewġt'itfal ġew irreġistrati bħala ulied missier mhux magħruf u dana skont ma jirriżulta fiċ-ċertifikati tat-twelid rispettivi tagħhom[3].

Illi f'din il-kawża jispikka n-nuqqas sħiħ ta' provi in sostenn tat-talba. La xehdu l-partijiet, lanqas bil-proċedura tal-affidavit u lanqas ġew esebiti r-riżultati ta' xi testijiet ġenetiċi bħala prova tal-paternita` tal-minuri. Il-Qorti ġiet żvijata mill-partijiet li jeżisti xi tip ta' ftehim bejnhiethom, iżda f'azzjoni ta' paternita` bħal din odjerna, m'hemmx lok ta' ftehim, hemm biss lok ta' provi. Għalkemm, bla dubju, hemm lok ta' ftehim dwar l-aspetti kollha tal-ħajja tal-minuri, bħalma huma l-kura u l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tagħhom, il-*punto di partenza* kellu jkun illi tinġieb il-prova tal-paternita' tal-ulied. Mingħajr tali provi, l-Qorti ma jistax ikollha il-konvinċiment morali li l-minuri huma tassew l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-attur.

Jiġi rilevat illi anke permezz tar-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta bl-ebda mod ma tikkonvinċi l-Qorti li huwa l-attur il-missier naturali tal-minuri. Pjuttost jidher li anke hi għandha d-dubju għax tgħid li hi m'għandha l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet ta' l-attur, kemm-il darba jirriżulta li huwa missier it-tfal minuri msemmija[4]. Fil-fehma tal-Qorti, id-dikjarazzjoni tal-partijiet tal-25 ta' Jannar 2017 fejn qablu li A B huwa l-missier naturali tal-minuri, ma tantx tista' toqgħod fuqha, tenut kont li kif ġja ntqal, l-istess konvenuta tinsab fid-dubju, u tenut kont ukoll illi l-istess konvenuta meta rreġistrat it-twelid ta' uliedha ddikjarat, fil-każ taż-żewġ ulied, li ma tafx min hu missierhom. F'każ bħal dan, fejn il-Qorti għandha quddiemha żewġ dikjarazzjonijiet kunfliġġenti u xejn affidabbli, il-prova reġina kellha tkun il-prova xjentifika u ġenetika, liema prova ma tressqitx u għalhekk l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi.

---

[3] Esebiti fol. 3 u 4.

[4] Sottlinear tal-Qorti

Minkejja r-reluttanza tal-Qrati tagħna, inkluż din il-Qorti kif presjeduta, li jħallu lill-minuri fi stat ta' inċertezza dwar il-paternita` tagħhom, fin-nuqqas ta' provi konkreti u konvinċenti, il-Qorti tibza' li ddaħħal lill-minuri f'iktar komplikazzjonijiet u inċertezza jekk 'il-quddiem jirriżulta li l-attur m'huwiex tassew missierhom naturali.

Il-Qorti tissoleva wkoll punt proċedurali li ġie għal kollox injorat sija mill-partijiet kif ukoll mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Dan huwa l-intempestivita` tal-kawża. Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[5], li huwa l-Artikolu applikabbli għall-każ odjern, stante li l-minuri huma mnissla jew imwielda barra miż-żwieġ. L-istess artikolu jipprefiġġi l-mekkaniżmu adoperabbli meta missier ikun jixtieq jirrikonoxxi iben imwieled lilu barra miż-żwieġ. Dan l-artikolu jistipola s-segwenti:

***86. It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, ...***
***Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:***

***Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u***

[5] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***tordna rreġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***...***

***87. (1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.***

***(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.***

<u>Fil-każ odjern, l-ittra uffiċjali meħtieġa ai termini tal-Artikolu 86 ma saritx, u jirriżulta li l-attur ippreżenta t-talba tiegħu mingħajr ma ttenta jeżawrixxi s-soluzzjonijiet li tagħtih il-liġi biex tiġi evitata l-kawża. Illi għalhekk l-azzjoni odjerna hija intempestiva.</u>

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, stante l-intempestivita` tal-azzjoni u stante li ma tressqux provi minimi fir-rigward il-mertu proprju tal-kawża u cioe il-paternita` tal-minuri E u F D, il-Qorti qiegħda ***<u>tiċħad</u>*** it-talbiet attriċi u tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tagħha tal-24 ta' Novembru 2015 fejn l-attur ġie ordnat iħallas manteniment ta' €450 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri u tirrevoka wkoll *contrario imperio* id-digriet tagħha tat-23 ta' Frar 2016 fejn l-attur ġie mogħti l-fakolta` li jipparteċipa f'deċiżjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

Bl-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jkunu bla taxxa, bejn il-partijiet, inkluż id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.